TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Aaron Gatt

Vs

Edwin Vella

CCT 93/18/MM

Illum, 20 ta' Gunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-28 ta' Gunju 2018 fejn talab is-somma ta' Euro 1800 rapprezentanti hlas ghal xoghol li effettivament ma sarx mill-intimat.

Ra r-risposta b'kontro-talba tal-intimat ppreżentata nhar il-5 ta' Settembru 2018, fejn irribatta billi sahaq li l-klijent kien talbu jikkonsenja lura c-cavetta tal-proprjeta' u ma halliehx ikompli x-xoghol. Huwa jishaq ukoll li kien fadal bilanc ta' Euro 540.30 favurih li ghadu ma thallasx mir-rikorrenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti inkariga lill-intimat sabiex iwettaq xoghlijiet fil-proprjeta' tieghu gewwa z-Zejtun fejn hallas il-prezz globali ta' Euro 5251.79 permezz ta' tliet cekkijiet.

Illi m'huwiex kontestat li x-xoghol kellu jitlesta sa Ottubru tas-sena 2017 u mhux kontestat ukoll li x-xoghol ma tlestiex.

Illi ssir referenza ghall-artikoli 1640 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn insibu:

1640. (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt,għalkemm ix-xogħol ikun diġà beda.

(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt,min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

(3) Jekk ikun hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, minjagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilità ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.

(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorità jew konferma mill-qorti.

Illi m'huwiex kontestat li r-rikorrenti informa lill-appaltatur bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt u dan kif jikkonferma l-appaltatur stess meta jghid li kien mitlub jirritorna c-cwievet.

Ikkunsidra

Illi ghalhekk irid jigi determinat jekk ir-rikorrenti hallx il-kuntratt ghal raguni valida. Illi mill-provi jirrizulta li x-xoghol ma tlestiex fiz-zmien stipulat, din wahedha hi raguni valida biex il-kuntratt jinhall diment l-appaltatur ma jgibx prova kuntrarja sabiex juri li l-kawza ta-dewmien kienet dovuta ghal forza magguri jew ghal xi raguni lil'hinn mill-kontroll tieghu. Illi l-appaltatur b'difiza qal li huwa rikoverat l-isptar u b'hekk ma setghax jezegwixxi x-xoghol. Izda mid-dokumentazzjoni pprezentata minnu stress jirrizulta li effettivament huwa

dahal l-isptar f'Jannar 2018 u ghalhekk ferm wara l-perjodu miftiehem li fih kellu jitlesta x-xoghol. Ghalhekk, din ir-raguni ma tghinux lill-konvenut fid-difiza tieghu.

Illi t-Tribunal ser jghaddi sabiex iqis jekk ix-xoghol sarx skont is-sengha u l-arti da parti tal-konvenut. Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghall-provi prodotti mir-rikorrenti li ma gewx kontra detti mill-intimat fosthom mart ir-rikorrenti Thelma Gatt, Steve Grixti, u cioe l-electrician imqabbad mir-rikorrenti, l-Inginier Marjohn Abela mir-REWS u l-Inginier Peter Mifsud, John Tonna bhala Inginier tal-Enemalta fost ohrajn. Illi fis-sustanza, lkoll isahhu t-tezi tar-rikorrenti li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Illi jonqos li jigi determinat kemm ghandu jithallas l-appaltatur ghax-xoghol li lahaq ghamel. Illi huwa inghata madwar 90% tal-kont bil-quddiem. Illi is-subartiklu (4) tal-artikolu 1640 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel mal-kuntratt ikun inħall għandha tiġi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun tax-xogħol kull eċċess li jirriżulta.

Ghalhekk jirrizulta li l-appaltatur diga' thallas tax-xoghol li lahaq ghamel anzi thallas izjed, u ghalhekk ghandu jirrifondi lura s-somma mhallsa bil-quddiem ghax-xoghol li ma lahaqx ghamel ammonti ghal Euro 1800.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, jichad il-kontro talba u jghaddi sabiex jilqa' it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom u jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' Euro 1800 bl-ispejjez kontra l-intimat fi zmien gimgha mil-lum.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru